

Brussell, 17 ta' Diċembru 2025  
(OR. en, it)

16541/25  
PV CONS 66  
SOC 834  
EMPL 548  
SAN 817  
CONSUM 286  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)  
1 u 2 ta' Diċembru 2025

## LAQGĦA TAT-TNEJN 1 TA' DIĊEMBRU 2025

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15627/25.

### 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

**Lista mhux leġislattiva**

15840/25

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha preżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Anness u fl-Addendum.

## IMPJIEGI U POLITIKA SOĊJALI

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

### 3. Reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol (is-sitt lott)



15222/25

*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar is-sitt reviżjoni tad-Direttiva ta' hawn fuq kif tinsab fl-Anness tad-dokument ta' hawn fuq.

Il-Belġju ppreżenta dikjarazzjoni kif tinsab fl-Anness.

### 4. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 (EGF) fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar



15276/1/25 REV 1  
+ REV 1 ADD 1  
+ 15276/25 ADD 1

*Approċċ ġenerali*

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar ir-Regolament ta' hawn fuq kif jinsab fl-Anness tad-dokument 15276/1/25 REV 1.

L-Ungerija u l-Kummissjoni ppreżentaw dikjarazzjonijiet kif jinsabu fl-Anness.

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

5. **It-twertiq tas-simplifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar fil-qasam tal-impjegi u f'dak soċjali<sup>1</sup>** 15245/25  
*Skambju ta' fehmiet*

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett ta' hawn fuq, iggwidat min-nota tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

## Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

6. **Id-Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju SC 14921/25**  
*Rapport ta' progress*

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress dwar id-Direttiva ta' hawn fuq kif jinsab fid-dokument ta' hawn fuq.

## Attivitajiet mhux leġiżlattivi

7. **Konklużjonijiet dwar il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni 2 15221/25**  
*Affordabbli futur<sup>2</sup>*  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill ma approvax il-konklużjonijiet. Il-konklużjonijiet tal-Presidenza nħarġu abbażi tad-dokument 15221/25 bl-appoġġ ta' 26 delegazzjoni.

8. **Semestru Ewropew 2026: Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni permezz ta' politiki soċjali u tal-akkomodazzjoni koerenti** 15226/25  
*Skambju ta' fehmiet*

- a) **Pakkett tal-Ħarifa**  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-preżentazzjoni tal-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew 2026 mill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Fil-preżenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservaturi.

<sup>2</sup> Fil-preżenza tal-President tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservatur.

- b) **Messaġġi ewlenin mill-KPS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva fl-Istati Membri kollha tal-UE** 14905/25  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin ta' hawn fuq, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

- c) **Messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet fl-UE** 14896/25  
14901/25  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin ta' hawn fuq, kif jinsabu fid-dokumenti ta' hawn fuq.

- d) **Messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika** 14891/1/25 REV 1  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin ta' hawn fuq, kif jinsabu fid-dokument ta' hawn fuq.

- e) **Opinjoni tal-EMCO dwar it-titjib tal-ambitu u r-rilevanza tal-ġbir tad-data fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali dwar id-djalogu soċjali** 14880/25  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-opinjoni tal-EMCO ta' hawn fuq, kif tinsab fid-dokument ta' hawn fuq.


### **Affarijiet oħra**

9. a) **Summit Soċjali Tripartitiku ta' Ottubru 2025<sup>3</sup>**  15191/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

---

<sup>3</sup> Fil-preżenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservaturi.

- b) **Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 

**Direttiva dwar it-traineeships**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

8148/1/24 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- c) **Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships imsaħħaħ**  8155/24  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- d) **Riżerva ta' Talenti tal-UE**  15190/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

- e) **Konklużjonijiet ewlenin mill-Forum Soċjali ta' Porto tat-18 u d-19 ta' Settembru 2025**  15189/25  
*Informazzjoni mill-Portugall*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Portugall.

- f) **Avvenimenti tal-Presidenza<sup>4</sup>**  15192/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- g) **Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni minn Ċipru*

---


<sup>4</sup> Fil-preżenza tal-Presidenti tal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bħala osservaturi.

**SAĦĦA**

**Deliberazzjonijiet leġiżlattivi**

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

- 10. Att dwar il-Mediċini Kritiċi**  
*Approċċ ġenerali*

 15503/25  
+ ADD 1 REV 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-Att dwar il-Mediċini Kritiċi kif jinsab fl-Anness tad-dokument 15503/25.

Il-Bulgarija u l-Italja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness ta' dawn il-minuti.

**Affarijiet oħra**

- 11. a) Proposti leġiżlattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**




**Pakkett farmaċewtiku**


- i) **Direttiva dwar il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem** 8759/23 + ADD 1
- ii) **Regolament li jstabbilixxi proċeduri tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni u għas-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u li jstabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini** 8758/23 + ADD 1  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- b) Rapport ta' progress annwali tal-2025 dwar is-Simplifikazzjoni, l-Implimentazzjoni u l-Infurzar (saħħa)**  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

 14737/25


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- c) **Il-Konvenzjoni ta' Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC): il-Ħdax-il Sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet (COP 11) (Ġinevra, 17-22 ta' Novembru 2025)**  15279/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u mill-Kummissjoni.

- d) **Il-pjan ta' prevenzjoni, ta' preparatezza u ta' rispons tal-Unjoni għall-kriżijiet tas-saħħa**  15316/25  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*


Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

- e) **Pjan tal-UE għas-Saħħa Kardjovaskulari**  15365/1/25 REV 1  
*Informazzjoni miċ-Ċekja, appoġġata mill-Awstrija, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, appoġġata mill-Awstrija, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija.

- f) **Direttiva dwar it-Trattament tal-Ilma Urban Mormi – Studju dwar il-Kostijiet**  15367/1/25 REV 1  
*Informazzjoni miċ-Ċekja, appoġġata mill-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta miċ-Ċekja, appoġġata mill-Awstrija, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Iżvezja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija, appoġġata bil-fomm mill-Finlandja.

- g) **Strateġija tal-UE dwar il-klima u s-saħħa**  15753/1/25 REV 1  
*Informazzjoni min-Netherlands, appoġġati mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta min-Netherlands, appoġġata mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija, appoġġata bil-fomm mill-Portugall.

- h) L-Unjoni Ewropea tas-Saħħa bħala pilastru ewlieni fit-tisħiħ tal-kompetittività u s-sigurtà tal-Unjoni** 15868/1/25 REV 1  
*Informazzjoni mis-Slovenja u Spanja, appoġġati mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Ungerija*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja u Spanja, appoġġati mill-Awstrija, iċ-Ċekja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Ungerija.

- i) Konferenzi tal-presidenza** 15124/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza.

- j) In-negozjati għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni tal-pandemiji, it-tnejja u r-rispons għalihom** 14653/25  
*Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni*

- k) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss**  
*Informazzjoni minn Ċipru*

- 
- 1** L-ewwel qari  
**S** Proċedura leġislattiva speċjali  
**C** Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni  
**2** Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 15627/25****Dwar il-punt "B"  
nru 3:**

Reviżjoni tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni fuq il-post tax-xogħol (is-sitt lott)  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU**

"Il-Belġju jagħti importanza lil standard għoli ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Is-sitt reviżjoni tad-Direttiva 2004/37 ser tikkontribwixxi għat-titjib tal-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-esponiment għal sustanzi karċinoġeniċi addizzjonali madwar l-Unjoni Ewropea.

L-istabbiliment ta' valuri ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali huwa r-**riżultat ta' proċess ibbażat fuq opinjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi** li jibqgħu essenzjali għall-kredibbiltà tal-qafas tal-UE għall-protezzjoni tal-ħaddiema.

Madankollu, il-Belġju jqis li huwa kruċjali wkoll **li tiġi żgurata l-koerenza fil-politiki kollha tal-UE**. F'dan il-kuntest, il-kompetittività għet identifikata bħala prinċipju gwida ewlieni tal-azzjoni tal-UE, b'mod partikolari f'konklużjonijiet reċenti tal-Kunsill Ewropew u fil-kuntest usa' tat-tranżizzjoni industrijali u ekoloġika.

F'dan ir-rigward, il-Belġju jenfasizza l-importanza li jiġu indirizzati l-fajls eżaminati taħt il-mandat tal-EPSCO **b'konsistenza ma' inizjattivi strateġiċi oħra tal-UE**, bħall-Att dwar il-Materja **Prima Kritika**, l-approċċ ta' **Awtonomija Strateġika Miftuħa**, u l-isforzi biex tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa fil-ktajjen tal-valur kritiċi.

**Għalhekk, is-sigurtà tal-provvista hija wkoll sfida ewlenija**, b'mod partikolari fir-rigward tal-materja prima kritika, bħall-kobalt. F'dan il-kuntest, il-Belġju jenfasizza l-eżistenza ta' **interessi industrijali nazżjonali speċifiċi** fil-katina tal-valur tal-kobalt, li għandha rwol essenzjali fl-ekosistema tat-teknoloġija ekoloġika tal-Ewropa.

F'dan il-fajl, il-valutazzjoni tal-impatt innifisha tirrikonoxxi li valur tal-OEL ta' 20 µg Co/m<sup>3</sup> kobalt diġà huwa strett ħafna. Kwalunkwe livell aktar strett set jirrikjedi perjodi ta' tranżizzjoni twal minħabba l-**livell għoli ta' investiment u potenzjalment innovazzjoni meħtieġa**.

Il-Belġju jqis li huwa essenzjali li l-**perjodi tranżizzjonali jkunu realistiċi u fattibbli**, li jiżgura li l-kumpaniji, b'mod partikolari dawk li joperaw f'setturi strateġiċi, ikollhom żmien adegwat biex jadattaw, jagħmlu investimenti, u jkunu jistgħu jikkonformaw b'mod li jista' jinkiseb meta jitqies l-ambjent ġeostrateġiku attwali.

Il-Belġju jappella lill-**koleġiżlaturi u lill-Kummissjoni biex jiżguraw li l-kompetittività industrijali** tiġi rikoniċijata b'mod adegwat mal-oġġettiv leġittimu tal-protezzjoni tal-ħaddiema fil-kuntast tat-trilogi interistituzzjonali li jmiss. Barra minn hekk, **it-tisħiħ tal-analiżi soċjoekonomika** għal kwalunkwe leġiżlazzjoni futura jkun essenzjali biex jiġi żgurat approċċ ibbilanċjat bejn l-ambizzjoni soċjali u l-adattabbiltà industrijali."

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 4:**

**Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 (EGF) fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar**  
*Approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA**

"L-Ungerija tirrikonoxxi u tipromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fir-Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 (FEG) fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn sensji imminenti f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar."

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

"Il-Kummissjoni tenfasizza li l-proposta 7721/25 għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2021/691 fir-rigward tal-appoġġ għall-ħaddiema affettwati minn spostament imminenti tal-impjegji f'intrapriżi li għaddejjin minn ristrutturar ("Emenda għar-Regolament dwar il-FEG") ma tistabbilixxi l-ebda regola ġdida speċifika għas-settur fir-rigward tal-obbligi ta' kontroll, awditjar u rkupru tal-Istati Membri b'mod konformi mar-regoli stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju (UE, Euratom 2024/2509)."

## **DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA**

"Il-Bulgarija tqis id-disponibbiltà ta' *mediċini* sikuri, effettivi u ta' kwalità affordabbli bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-politika nazzjonali tas-saħħa. Dan huwa l-każ ukoll għal trattamenti li huma vvalutati bħala *kritiċi* fil-livell Ewropew jew nazzjonali.

F'dak ir-rigward, l-ambizzjoni tal-Att Ewropew dwar il-Mediċini Kritiċi li jappoġġa l-manifattura ta' mediċini kritiċi fl-Ewropa b'mod ġenerali għandha tintlaqa' tajjeb. Madankollu, **din l-ambizzjoni, li jingħad li hija għan Ewropew komuni, mhijiex appoġġata minn fond Ewropew komuni.**

Aħna nibqgħu tal-fehma li **l-bażi legali proposta – l-Artikolu 114 TFUE mhijiex adegwata u mhijiex biżżejjed** fid-dawl tal-oġġettivi ddikjarati tal-proposta, jiġifieri, li tissaħħaħ id-disponibbiltà ta' prodotti mediċinali kritiċi, u d-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' "prodotti mediċinali ta' interess komuni" fl-Unjoni.

L-ewwel nett, il-miżuri proposti ma għandhomx l-"istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern" bħala l-għan ġenwin tagħhom iżda jidhru li huma mmirati lejn is-salvagwardja tad-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-mediċini, bħala parti mill-politiki tas-saħħa. It-tieni, uħud mill-miżuri previsti x'aktarx li jirriżultaw fil-limitazzjoni tad-diskrezzjoni tal-Istati Membri fl-infiq tal-baġits tal-kura tas-saħħa nazzjonali, kif stabbilita fl-Artikolu 168(7) TFUE, u b'hekk jevitaw b'mod effettiv il-projbizzjoni espliċita tal-armonizzazzjoni stabbilita fl-Artikolu 168(5) TFUE. It-tielet, ir-rekwiżit ġenerali stipulat fl-Artikolu 114 TFUE biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa fost l-oħrajn, ma jikkostitwixxix oġġettiv fih innifsu, iżda pjuttost iservi bħala salvagwardja biex jiġi evitat impatt dannuż fuq is-saħħa, is-sikurezza, l-ambjent eċċ.

L-akkwist pubbliku ta' mediċini b'baġits pubbliċi jikkostitwixxi komponent integrali tal-politiki nazzjonali tas-saħħa u għandu jkompli jiġi rregolat kif xieraq, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali u r-riżorsi disponibbli. L-istatus "kritiku" ta' ċerti prodotti mediċinali ma jbidilx in-natura inerenti tagħhom bħala mediċini u trattamenti. Għalhekk, din il-karatteristika waħedha ma tistax tiġġustifika replikazzjoni tal-qafas legali applikabbli għal diversi kategoriji ta' prodotti kritiċi.

B'mod ġenerali, l-għażla tal-Artikolu 114 bħala bażi legali tidher bħala tentattiv biex il-politiki tas-saħħa jiġu subordinati għal-loġika tas-suq intern. B'mod prevedibbli, dan ser ikollu konsegwenzi negattivi għall-kura tas-saħħa fl-Ewropa. **Fin-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt, għadu mhux ċar liema "distorsjonijiet" tas-suq intern huma fil-mira tal-miżuri proposti. Fl-istess ħin, l-impatt reali ta' xi wħud mill-miżuri ser ikun "distorsjoni" tas-soluzzjonijiet nazzjonali li huma fil-qalba tal-politiki tas-saħħa, kif ukoll distorsjoni tal-kompetizzjoni.**

Minkejja l-intenzjonijiet tajbin, xi miżuri, bħall-akkwisti volontarji kollaborattivi jew konġunti (Kapitolu IV, Taqsima II) mhumiex biss inkompatibbli ma' bażi legali ta' armonizzazzjoni iżda ser ikollhom effett potenzjalment ta' tfixkil fuq il-politiki nazzjonali tas-saħħa u l-baġits tal-kura tas-saħħa billi jirriżultaw fi prezz uniku għal pajjiżi b'PDG differenti, u jillimitaw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà f'pajjiżi mhux parteċipanti.

Għalhekk, fil-fehma tagħna, l-għażla attwali tal-bażi legali la tirrispetta b'mod adegwat id-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u lanqas il-prinċipju tal-ġoti tas-setgħat. Il-*ġestjoni tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika u l-allokazzjoni tar-riżorsi assenjati lilhom* jinkludu l-akkwist pubbliku ta' mediċini (kritiċi jew le) b'baġits pubbliċi. Erożjoni tal-kompetenzi nazzjonali fil-qasam tas-saħħa tibqa' mhux mixtieqa, peress li l-politiki, il-prijoritajiet u l-baġits tal-Istati Membri jvarjaw u jridu jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi fil-livell nazzjonali – dawk l-eqreb taċ-ċittadini u l-pazjenti.

Nibqgħu konvinti li sa tmiem il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għad hemm żmien biex tintgħażel bażi legali xierqa. Atti leġiżlattivi oħra li jittrattaw sitwazzjonijiet kumplessi ta' interazzjoni bejn is-suq intern u l-politiki tas-saħħa – fil-biċċa l-kbira kompetenza nazzjonali, jistgħu jservu ta' ispirazzjoni, bħar-Regolament tal-UE dwar l-HTA ((UE) 2021/2282), li għandu **bażi legali doppja – l-Artikolu 168 l-Artikolu 114 TFUE.**

Fl-aħħar nett, nosservaw li l-implimentazzjoni tal-Artikolu 18 (2) u l-Artikolu 19 tiddependi ħafna fuq il-linji gwida, li għandhom jiġu żviluppati fil-ħin u fir-rigward tal-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-kura tas-saħħa.

Nibqgħu impenjati li nikkontribwixxu b'mod kostruttiv għat-trilogi li ġejjin, bl-għan li jinkiseb qafas regolatorju raġonevoli, ċar u legalment robust."

## **DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA**

"L-Italja tappoġġa l-ġlieda kontra n-nuqqasijiet u t-tishiĥ tal-produzzjoni lokali ta' mediċini kritiċi, li huma essenzjali biex jiġi żgurat aċċess f'waqt u uniformi għal mediċini kritiċi madwar l-UE.

Il-miżuri previsti fil-proposta għal Regolament dwar il-mediċini kritiċi jiffaċilitaw reżiljenza akbar fis-sistema farmaċewtika tal-Ewropa, filwaqt li jirrispondu għall-prijoritajiet identifikati wkoll mill-Italja fil-livell nazzjonali.

Madankollu, nixtiequ nenfasizzaw għadd ta' aspetti li huma ta' tħassib għall-Italja.

### **Akkwist kollaborattiv**

L-Italja hija tal-fehma li l-akkwist kollaborattiv, fejn il-Kummissjoni taġixxi għall-Istati Membri jew f'isimhom, għandu jkun riżervat esklużivament għal mediċini kritiċi skarsi (u b'vulnerabbiltà ppruvata fil-katina tal-provvista) jew għal kategoriji definiti sew ta' mediċini, f'każijiet eċċezzjonali, fejn l-eżistenza ta' popolazzjoni żgħira ta' pazjenti ("mard ultrarari") ma tiggarrantix ix-xiri ta' tali mediċini fil-livell nazzjonali. Fil-fatt, sa fejn hija kkonċernata l-Italja, l-użu ta' akkwist kollaborattiv bħala proċedura standard għax-xiri ta' firxa wiesgħa ta' prodotti mediċinali jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni u fuq il-proċeduri ta' negozjar fi Stati Membri mhux parteċipanti. Dan jista' jirriżulta f'tip ta' prezz ta' referenza Ewropew, ogħla mill-prezz li jista' jiġi nnegozjat minn Stati Membri mhux parteċipanti. Minn perspettiva ta' implimentazzjoni, il-ġestjoni tal-akkwist kollaborattiv tista' tkun kumplessa fil-prattika, f'termini ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt u tilwim potenzjali. Barra minn hekk, jidher li hemm deroga potenzjali impliċita mid-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-UE, li skonthom l-ipprezzar u r-rimborż jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

### **Informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-istokkijiet ta' kontinġenza**

L-Italja ma temminx li l-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti nazzjonali tal-istokk ta' kontinġenza ma għandhiex tiġi pprovdata lill-EMA/MSSG. Il-ġestjoni ta' tali informazzjoni għandha primarjament taqa' taħt il-kompetenza tal-EMA/MSSG, bħala l-korpi responsabbli għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Dan tal-aħħar min-naħa tiegħu għandu jinforma lill-Grupp ta' Koordinazzjoni dwar il-Mediċini Kritiċi (CMCG), peress li din l-informazzjoni tista' tkun rilevanti wkoll minn perspettiva industrijali.

L-impożizzjoni mill-Istati Membri ta' obbligi ta' stokk ta' kontinġenza, mingħajr koordinazzjoni ma' Stati Membri oħra - anke jekk kellha tirriduċi n-nuqqasijiet u tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali fl-Istati Membri kkonċernati żmien biex jieħdu azzjoni - jista' saħansitra jkollha effett konsegwenzjali u toħloq jew taggrava n-nuqqasijiet fi Stati Membri oħra. B'riżultat ta' dan, l-ġhoti ta' informazzjoni fil-pront dwar ir-rekwiżiti tal-istokkijiet ta' kontinġenza għandu implikazzjonijiet importanti għas-saħħa pubblika, peress li jippermetti lil Stati Membri oħra jantiċipaw u jirreaġixxu fil-ħin għannuqqasijiet, li jistgħu jiġu kkawżati mill-impożizzjoni ta' stokkijiet ta' kontinġenza. Għalhekk, il-ġestjoni ta' din l-informazzjoni għandha taqa' taħt il-kompetenza tal-EMA/MSSG, bħala l-istituzzjonijiet responsabbli għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika. Dawn l-istituzzjonijiet (EMA/MSSG) imbagħad għandhom jinfurmaw lis-CMCG, peress li din l-informazzjoni tista' tkun rilevanti wkoll għall-industrija. Barra minn hekk, l-assenjazzjoni tal-kompetenzi relatati mas-saħħa pubblika lis-CMCG tagħmilha saħansitra aktar diffiċli li ssir distinzjoni bejn il-qasam tar-responsabbiltajiet tiegħu u dak tal-awtoritajiet inkarigati mill-protezzjoni tas-saħħa pubblika, bħall-EMA u l-MSSG, u dan jirriżulta f'riskju konkret ta' allinjamenti ħżiena potenzjali fil-ġestjoni ta' każijiet individwali."

## Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġislattivi li jinsabu fid-dokument 15840/25

**Dwar il-punt "A"**      **Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026**  
**nru 2:**                      **applikabbli fil-Baħar Baltiku**  
                                    *Adozzjoni*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u l-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent fl-2026**

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B<sub>lim</sub>, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2026. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Punent."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, IL-POLONJA U L-IŻVEZJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent fl-2026**

"Minħabba li l-bijomassa tal-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent hija taħt il-B<sub>lim</sub>, u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk skont ir-Regolament (UE) 2016/1139, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Polonja u l-Iżvezja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dan l-istokk fl-2026. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokk tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA, L-IŻVEZJA U L-ESTONJA dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) fir-Regolament Bażiku fir-rigward tas-salamun fil-baċir ewlieni fl-2026**

"Minħabba li fis-suddiviżjonijiet 22-29S tal-ICES kważi l-istokkijiet kollha tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar huma sew taħt ir-R<sub>lim</sub> u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokkijiet, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Estonja jimpenjaw ruħhom li ma jużawx il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet fl-2026. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali għall-istokkijiet tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar fin-Nofsinhar tal-latitudni 59°30'N.

Minħabba l-migrazzjoni limitata tas-salamun fix-xmajjar ewlenin tas-salamun fil-Golf tal-Botnja kemm fl-2023 kif ukoll fl-2024, u sabiex jiġi żgurat u promoss irkupru aktar mgħaġġel tal-istokkijiet tas-salamun, il-Finlandja timpenja ruħha li ma tużax il-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward tal-kwota tas-salamun fil-Baċir Ewlieni fl-2026. L-Iżvezja timpenja ruħha li tillimita l-użu tal-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-finijiet ta' qabdiet inċidentali u qabdiet inevitabli biss. Dawn l-impenji huma reazzjoni għall-iżvilupp inkwetanti tal-istokkijiet tas-salamun selvaġġ tax-xmajjar fis-suddiviżjonijiet 30-31 tal-ICES."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA U L-IŻVEZJA dwar skambji ta' kwoti tal-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant u tal-Punent**

"Fi spirtu ta' solidarjetà, Stat Membru li ma jkollux bżonn il-kwota sħiħa tiegħu ta' qabdiet aċċessorji għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent ser jagħmel ħiltu biex jaqbel dwar skambji ta' kwoti ma' Stat Membru li jista' juri li ser iħabbat wiċċu ma' effett ta' kwoti limitanti minħabba l-kwota limitata tiegħu għall-bakkaljaw tal-Baltiku tal-Lvant jew tal-Punent."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-ĠERMANJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA dwar it-trasferimenti tal-kwoti tas-salamun fil-Baċir Ewlieni**

"Fi spirtu ta' solidarjetà u b'rikonoxximent tal-isforzi ta' konservazzjoni li saru mill-Finlandja u l-Iżvezja, li wasslu għal stokkijiet b'saħħithom fl-ilmijiet tagħhom, Stat Membru li ma jistax juża l-kwota kollha tiegħu għas-salamun fil-Baċir Ewlieni jikkunsidra trasferiment volontarju tal-parti mhux użata jew inutilizzabbli ta' dik il-kwota lill-Finlandja u/jew l-Iżvezja."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MID-DANIMARKA, IL-ĠERMANJA U N-  
NETHERLANDS dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku fir-rigward  
tal-merluzz tan-Norveġja fil-Baħar tat-Tramuntana fl-istaġun tas-sajd tal-2026**

Minħabba li l-ICES jipprevedi li l-bijomassa tal-merluzz tan-Norveġja fil-Baħar tat-Tramuntana (NOP/2A3A4.) hija taħt il-Blim u minħabba li l-ICES jagħti parir li ma jsir l-ebda qbid għall-istaġun tas-sajd tal-2026 (mill-1 ta' Novembru 2025 sal-31 ta' Ottubru 2026), u sabiex jiġi żgurat l-irkupru tal-istokk, id-Danimarka, il-Ġermanja u n-Netherlands jimpenjaw ruħhom li ma jagħmlux użu mill-flessibbiltà interannwali skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dak l-istokk fl-istaġun tas-sajd tal-2026. Dan l-impenn huwa reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali ta' dak l-istokk."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U L-ĠERMANJA dwar l-opzjoni  
ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd mill-Fond Ewropew għall-  
Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)**

"Skont l-Artikolu 5(3), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-bakkaljaw, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, il-miżuri ta' rimedju għall-fini tal-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament jistgħu jinkludu miżuri ta' emerġenza tal-Istati Membri skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) dwar il-bakkaljaw u l-aringa fis-suddiviżjonijiet 22-24, il-Ġermanja għaldaqstant tqis li huwa neċessarju li tadotta miżuri ta' emerġenza skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza fis-suddiviżjonijiet 22-24 għall-bastimenti tas-sajd Ġermaniżi jikkonsistu fl-introduzzjoni ta' għeluq ta' 30 jum għall-protezzjoni tal-bakkaljaw flimkien mal-għeluq riproduttiv tal-bakkaljaw stabbilit bl-Artikolu 7(3) tar-Regolament li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku li matulhom l-eżenzjoni fl-Artikolu 7(4)(b) ma għandhiex tapplika, u li jillimitaw bi 30 jum addizzjonali s-sajd għall-aringa li matulhom tiġi interrotta l-eżenzjoni għal ċertu sajd kostali fuq skala żgħira mill-projbizzjoni li jiġu mmirati l-aringi tal-Punent u sajd b'qabdiet aċċessorji tal-aringa.

Il-Kummissjoni u l-Ġermanja jaqblu li din il-miżura ta' emerġenza hija eliġibbli għall-finanzjament mir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 dment li tkun f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(c) ta' dak ir-Regolament."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U D-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-ĠERMANJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA U L-IŻVEZJA dwar il-ħtieġa urġenti għall-bini mill-ġdid tas-sajd fil-Baħar Baltiku**

"Konxji mill-importanza li b'mod urġenti tinbada t-trajettorja tal-bini mill-ġdid tas-sajd fil-Baħar Baltiku, il-Kummissjoni, u d-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja jaqblu dwar il-ħtieġa li l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jintalab biex fil-pariri annwali tiegħu dwar il-qbid speċifiċi għall-istokk jipprovdi xenarji biex l-istokkijiet tal-ħut ikkonċernati jergġhu jinbnew għal-livelli tal-bijomassa meħtieġa f'perjodi ta' żmien differenti. Tali pariri għandhom iqisu l-karatteristiċi bijoloġiċi tal-istokkijiet u juru livelli differenti ta' qbid għall-fażi rispettiva tal-bini mill-ġdid."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-KUMMISSJONI U L-FINLANDJA dwar l-aringa tal-Botnja**

"Il-Finlandja tenfasizza t-tħassib tagħha dwar l-istat tal-aringa tal-Botnja. Il-Finlandja ġġedded l-impenn tagħha li tkompli ttejjeb aktar il-ġbir tad-data għall-aringa tal-Botnja bil-ħsieb li tqiegħed l-aktar data reċenti għad-dispożizzjoni tal-ICES. B'mod parallel, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES jaġġorna l-parir tiegħu għall-2026 għal dak l-istokk abbażi tal-aktar data reċenti ppreżentata mill-Finlandja. Ladarba l-ICES iwieġeb dik it-talba, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tippreżenta - malajr kemm jista' jkun - proposta biex tiġi emendata t-TAC stabbilita għall-2026 f'konformità mal-parir aġġornat tal-ICES."

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA, IL-FINLANDJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-POLONJA U L-IŻVEZJA dwar il-marguni u l-foki**

"Inħeġġu lill-Kummissjoni biex, mingħajr dewmien, issib soluzzjonijiet għall-ġestjoni aħjar tal-marguni l-kbar u l-foki, sabiex jitqies l-impatt tagħhom fuq l-istokkijiet tal-ħut u jiġi żgurat il-bilanċ tal-ekosistema."

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI dwar il-qbil politiku milħuq mill-Kunsill**

"Il-Kummissjoni tieħu nota tal-qbil politiku milħuq mill-Kunsill dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 fil-Baħar Baltiku. Il-Kummissjoni hija mħassba li l-elementi li ġejjin ta' dak il-ftehim huma inqas probabbli li jikkontribwixxu għall-bini mill-ġdid tas-sajd li jiddependi fuq l-irkupru ta' ċerti stokkijiet għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom mill-proposta tal-Kummissjoni: (1) il-qabdiet totali permissibbli (TACs) għal-aringa tal-Botnja, l-aringa tal-Baltiku ċentrali u l-aringa tal-Baltiku tal-Punent jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livell li jiżgura li l-probabbiltà li l-istokkijiet rispettivament jinżlu jew jibqgħu taħt il-B<sub>lim</sub> fl-2027, tkun inqas minn 5 %; u (2) jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda sajd immirat, kummerċjali jew rikreattiv, tal-aringa tal-Baltiku tal-Punent u tas-salamun fil-baċir ewlieni (ħlief meta u fejn is-sajd kummerċjali mmirat ikun permess) li l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar jirrakkomanda li jieqaf is-sajd kollu."

## **DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA dwar il-parir tal-ICES u l-ġestjoni tas-sajd ibbażata fuq l-ekosistema**

"L-Iżvezja tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha għal politika tas-sajd ibbażata fuq ix-xjenza. L-Iżvezja thegġegħ lill-Kummissjoni tiżgura approċċ olistiku fit-talbiet tagħha lill-ICES, biex b'hekk il-parir xjentifiku pprovdut mill-ICES dwar l-opportunitajiet tas-sajd jirrifletti wkoll id-daqs u l-istrutturi tal-popolazzjoni u l-parir mill-ICES, minbarra li jkollu parametri tas-sajd, jinkludi wkoll ir-realtajiet kumplessi tal-ekosistemi tal-baħar, inkluż l-effetti tal-attivitajiet tal-bniedem, il-mortalità naturali mill-predaturi, u d-dinamika usa' tal-ekosistema."

## **DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA dwar l-iffissar għall-2026 tal-opportunitajiet tas-sajd applikabbli fil-Baħar Baltiku**

"Ninsabu mħassba ħafna dwar il-proċess rigward l-istabbiliment tat-TACs u l-kwoti tal-Baħar Baltiku matul il-laqgħa tal-Kunsill AGRIFISH f'Ottubru 2025. L-istabbiliment tat-TACs u tal-kwoti ma segwiex il-meded tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Huwa ta' importanza kbira li t-TACs jiġu stabbiliti skont il-meded stabbiliti fil-MAP (Pjan Pluriennali għall-Baħar Baltiku) meta l-istokkijiet ikunu ogħla mill-Blim. Barra minn hekk, it-tilwima dwar l-Artikolu 4(6) għadha ma ssolvietx u jeħtieġ li tiġi indirizzata b'mod urġenti. L-idea tal-MAPs kienet li titnaqqas is-soġġettività fid-dibattiti dwar l-opportunitajiet tas-sajd fil-Kunsill. Sfortunatament, il-MAP tal-Baħar Baltiku mhux qed jaqdi l-iskop tiegħu. Derogi arbitrarji mill-meded F ser joħolqu preċedent perikoluż għad-diskussjonijiet futuri dwar il-kwoti ġestiti mill-UE."